**25 ta' Mejju, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Prof. Joseph H. Xuereb, LL.D.**

Dottor Giovanni Sammut

*versus*

Giuseppe Mifsud

**Rikużazzjoni tal-Imħallef — Subasta — Sospensjoni — Art. 735(d) (ii) tal-Kap. 15.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi proċedurali li tirrikonoxxi lill-partijiet f'kawża d-dritt li jirrikużaw l-Imħallef jekk il-kawża kienet ġa quddiemu bħala mħallef jew bħala arbitru, evidentement u espliċitament, tirriferixxi għal kawża; liema stadju proċedurali jkun neċessarjament sorpassat meta wieħed ikun wasal għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni mogħtija fuq il-meritu.*

*Għaldaqstant, jekk il-kreditur iġib għall-bejgħ b'subasta fond tad-debitur biex minnu jitħallas tal-kreditu tiegħu, u d-debitur jagħmel talba għas-sospensjoni ta' dik is-subasta għax ikun irid joffri għall-bejgħ fond ieħor tiegħu divers minn dak miġjub għas-sbasta, u dik it-talba tiġi miċħuda mill-Qorti, u d-debitur in segwitu jipproponi kawża biex jiġi revokat dak l-ordni li ċaħad it-talba u tiġi akkolta t-talba għas-sospensjoni tas-subasta, id-debitur ma jistgħax jirrikuża l-Imħallef li quddiemu tiġi din il-kawża billi jallega li dak l-Imħallef kien ġa ċaħad it-talba għas-sospensjoni tas-subasta.*

*Ara sentenza fl-istess ismijiet deċiża fil-25 ta' Ġunju 1962 (pubblikata).*

Il-Qorti:— Rat in-nota tal-attur li biha rrikuża lill-Imħallef sedenti fuq il-motiv tal-art. 735(d) (ii) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, peress li huwa ċaħad it-talba l-lum avanzata biċ-ċitazzjoni fuq rikorsi li l-attur kien għamel fl-atti tas-subasta msemmija; u dan peress li l-istess ċaħda kienet definittiva, u d-digrieti relattivi mhumiex appellabbli;

Ikkunsidrat;

Illi l-artikolu tal-Kodiċi tal-Proċedura ċitat, evidentement u espliċitament jagħmel riferenza għall-meritu ta' "kawża"; liema stadju proċedurali jkun neċessarjament sorpassat meta wieħed ikun wasal, bħal fil-każ tar-rikorsi fl-atti tas-subasta, għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni mogħtija fuq il-meritu. Dan kulltant lanqas ma jkun ġie deċiż, bħal meta jkun hemm eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv li ma jkunx kostitwit minn sentenza;

Illi l-funzjoni eżerċitata f'dan l-istadju tixbah iżjed lil dik amministrattiva milli ġudizzjarja, għalkemm esplikata mill-awtorità ġudizzjarja bi protezzjoni akbar lill-partijiet; u dan jispjega l-għaliex ma hemmx appell minn provvedimenti simili, peress li l-pożizzjoni ġuridika bejn il-partijiet tkun ġa definittivament stabbilita;

Illi r-rimedju rikonoxxut kontra provvedimenti simili, billi jsir u jinbeda proċediment "ad hoc", ma jistgħax jassimila provvedimenti simili għal dawk li minnhom hemm appell fil-kors ordinarju tal-proċedura, b'mod li jkun hemm lok għall-astensjoni jew rikużazzjoni tal-Imħallef li jkun ħa konjizzjoni tal-proċedura mpunjata; konjizzjoni simili aktar tixbah lil dik kontemplata fl-art. 485 tal-Kodiċi ċitat, fejn espressament jingħad li ma hemmx lok għal ħaġa simili, jew li speċi ta' ritrattazzjoni, fejn ukoll jingħad l-istess ħaġa (art. 817 ibid.). Konklużjoni di[illegible] sal għall-inkongruwenza li, fil-waqt li minn provved[illegible] bħal dawk in kwistjoni mhux suppost li hemm appell, għarraġunijiet indikati, allura jibda jkun hemm, biex tgħid hekk, żewġ appelli l-ewwel wieħed li jiġi determinat minn Imħallef ieħor, ċjoè differenti minn dak li jkun ta l-provvediment, u l-ieħor mill-Qorti tal-Appell mid-deċiżjoni li eventwalment jagħti dan it-tieni Mħallef. Dan ma jistgħax ikun l-ispiritu a bażi tar-rimedju rikonoxxut għar-revoka tal-provvedimenti in kwistjoni;

Illi verament għandu jingħad, għaliex hekk hu, li l-kawża ġdida għar-revoka tal-provvediment tifforma meritu ġdid b'dibattitu formali bejn il-kontendenti, li jista' jwassal għal deċiżjoni differenti minn dik li qabel tkun ingħatat

fil-kora tal-funsjoni preċedentement esplikata. Hafna drabi l-partijiet jiġu mill-ewwel rimessi fil-kontenzjus; u jista' jiehu konjizzjoni tal-kawża l-Imhallef li jkun hekk irrimettihom;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti, kif presjeduta, tiddikjara li ma hemmx lok għar-rikużazzjoni opposta mill-attur; u kwindi tordna li l-kawża tiġi trattata fil-meritu quddiemha kif presjeduta, u thalli l-kawża għal dan l-oġġett għas-seduta tat-28 ta' Mejju 1962;

Spejjeż riżervati.